Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 17 ta' Gunju 2025**

**Distrett Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Janetta Grixti)**

**Versus**

**Antonio Tozzolino**
**(432591M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Antonio Tozzolino,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 432591M.

Akkuzat talli nhar id-29 t'Awwissu, 2020 ghal-habta ta' 02:15 hrs gewwa Triq l-Ewwel Titjira, Kirkop:

1. Naqas li jhares il-licenzja mahruga skont ma hemm f'dan l-Att ghandha tkun bla hsara ghal kull kundizzjoni li l-Kummissarju jista' jqis li tkun adatta li jaghmel, u l-licenzja ghandha tindika l-kondizzjonijiet li tahthom id-detentur ta' licenzja jkun jista' jakkwista, jitrasferixxi, izomm jew ikollu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar, arma regolari u munizzjon;

2. Kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-kummissarju tal-Pulizija;

3. Bhala detentur tal-licenzja taht xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar l-armi naqas milli jhares il-pattijiet tal-licenzja jew kellu fil-pussess jew kien igorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux specifikat fil-licenzja mahruga lilu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolamenti 27 tal-AL 79 ta' 2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-

Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-affidavit ta' PS 1042 A. Caruana jinghad illi fil-lejl tat-28 ta' Awwissu 2020 u id-29 ta' Awwissu 2020 bejn 22:00 hrs u 03:00 hrs il-Pulizija flimkien mal-Forzi Armati kienu qed jaghmlu *road block* gewwa Triq Ghar Dalam, Birzebbugia u Triq l-Ewwel Titjira, Kirkop fejn fis-02:15 hrs twaqqfet vettura bin-numru TOZ 288, li kienet misjuqa minn Antonio Tozzolino fejn waqt tfittxija li saret fil-vettura instabu 5 skratac (*gauge* 12) gewwa l-bagoll tal-vettura li gew elevati u issigillati gewwa *evidence bag* immarkata M01393874.

Illi fit-22 ta' Novembru 2022 xehed Nicholas Schembri li jahdem mal-AFM fejn qal li fid-29 ta' Awwissu 2020 fis-2:15am kien f'*road block* wara l-mina ta' Hal-Kirkop fejn kienu waqqfu vettura ta' l-ghamla Golf, u kif fethu l-bagoll sabu hames munizzjon (*bullets*), u ghalkemm ma kienx hemm arma tan-nar, dan il-munizzjon kien ittiehed mill-Pulizija u gew issigillati go *evidence bag* immarkat NS1. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonferma li kien hu stess li mar fuq l-akkuzat li kien waqaf mill-ewwel. Ix-xhud spjega illi huma ma jwaqqfux kull vettura, u lanqas ma jfittxu kull vettura. Ikkonferma li dan il-munizzjon ma nstabx rizultat tat-tfittxija tieghu, izda kien l-akkuzat stess li qallu bihom kif waqqfu.

Illi fit-18 ta'Frar 2025 xehed is-Supretendent Josric Mifsud fejn qal li bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu 2020 kienu ghamlu *road checks* wara l-mina ta' Hal Kirkop fejn hu kien is-*Senior Officer*. Kienu waqqfu diversi vetturi, fosthom il-vettura Volkswagen bin-numru TOZ-288 u l-Gunner kien innota li kien hemm hames skratac, *gauge* 12, gewwa l-bagoll tal-vettura. Dawn gew elevati u nhargu l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat. Hu ma setax jikkonferma mija fil-mija li gharaf l-imputat minn dakinhar, u lanqas ma jiftakar jekk is-suldat kienx qallu li kien tahomlu l-akkuzat stess l-iskratac. Ix-xhud ipprezenta rapport immarkat Dok JM1.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-trattazzjoni finali, id-Difiza sostniet li l-Prosekuzzjoni m'ezebietx il-licenzja ta' l-imputat, u ghalhekk dan ma jistax jinstab hati taht ebda akkuza.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza 'Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri',[1] fejn inghad illi,

*"F'dak li jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni li taqra 'Bhala pussessur ta' licenzja taht l-Artikolu 27 (1) tal-Kap 480 inqast li thares il-kundizzjonijiet imsemmija f' dik il-licenzja; jirrizulta li l-licenzji esebita a fol 23 et sequitur u 28 et sequtir u anke a fol tirrigwarda licenzja valida bejn l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) sal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u mhux kopja tal-licenzja tas-sena elfejn u erbatax (2014) u cioe' ta' dak in-nhar li kienet in vigore fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta stante li l-kundizzjonijeit iridu jirrizultaw mill-licenzja nnifsha u la darba l-licenzja in vigore dak in-nhar ma gietx esebita, din l-imputazzjoni ma tirrizultax."*

Illi t-tlett akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat kollha jaghmlu referenza ghall-Licenzja ai termini ta' Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-kawza odjerna l-Prosekuzzjoni fl-ebda hin ma gabet informazzjoni jew prova li l-imputat kellu xi licenzja o meno hekk kif qed jigi akkuzat, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed ssib lill-imputat Antonio Tozzolino mhux hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih u qed tilliberah minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**

---

[1] Deciza 2 ta' Lulju 2020, Qorti ta' l-Appell Kriminali, per Onor. Imhallef Dr Consuleo Scerri Herrera